**3 ta' Frar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel *sive* Charles Borg

*versus*

Anthony Restall *et noe*

## Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji u tat-Tribunal Industrijali

*L-Attur kien ġie lliberat mill-Qorti tal-Maġistrati taħt il-provvedimenti ta' l-art. 9 ta' l-Att XII ta' l-1957. Il-kumpanija konvenuta dehrilha li dik hija dikjarazzjoni ta' ħtija u talab dikjarazzjoni għall-kontrarju.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u rriteniet illi din kienet kompetenza tal-Qrati Ordinarji f'dan il-każ il-Qorti tal-Kummerċ peress illi l-konvenut kien soċjetà kummerċjali.*

*Fil-kawża d-dikjarazzjoni li l-Qorti hija mitluba li tagħmel tirrigwarda interpretazzjoni ta' artikolu jew artikoli tal-liġijiet u dan jaqa' bla dubju ta' xejn fil-ġurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Novembru 1987 li ċaħdet il-ġurisdizzjoni tagħha li tieħu konjizzjonu ulterjuri tal-kawża;

L-attur kien espona illi huwa impjegat tal-kumpanija u fid-9 ta' Settembru 1983 il-Qorti tal-Maġistrati lliberatu, flimkien ma' żewġ persuni oħra, skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957. Il-kumpanija dehrilha li din hija dikjarazzjoni ta' ħtija. L-attur jidhirlu, għall-kuntrarju, li dik is-sentenza għandha tittieħed bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-Qorti Kriminali "u ma tistax tintuża għal ebda skop ieħor". Fuq dawn il-kawżali huwa talab il-Qorti biex tiddikjara (a) li

l-kumpanija ma tistax tagħmel użu minn dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u (b) u ma tistax tintuża, lanqas, għal ebda skop ieħor ħlief għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali;

Il-kumpanija eċċepiet illi huwa t-Tribunal Industrijali u mhux il-qorti ordinarja li għandu ġurisdizzjoni fil-kawża; u billi inizjalment il-kawża kontra l-kumpanija ġiet proposta fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, l-istess eċċezzjoni ta' ġurisdizzjoni trid tiġi deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ u mhux mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

U difatti din il-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar 1986 assenjat il-kompetenza lill-imsemmija Qorti tal-Kummerċ;

Is-sentenza appellata, tistrieħ fuq l-artikolu 28(1) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, (Kap. 266):

"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra t-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi għall-ksur tad-dritt tiegħu li ma jitkeċċiex b'mod inġust, ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra";

*Omissis;*

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-espressjoni "għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi" ġiet inserita fl-imsemmi artikolu 28 biex il-leġislatur jagħmilha ċara li t-Tribunal Industrijali ma kienx qiegħed jingħata ebda ġurisdizzjoni ta'

natura Kriminali stante li din il-ġurisdizzjoni tispetta unikament lill-Qrati Ordinarji;

It-Tribunal Industrijali ngħata ġurisdizzjoni **esklussiva** li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret *tkeċċija nġusta, kif imfissra fil-Liġi*. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, it-Tribunal Industrijali għandu l-istess ġurisdizzjoni esklussiva meta jkun qiegħed jissindika l-operat ta' ħaddiem fuq il-post tax-xogħol biex jara jekk hemmx raġuni xierqa għat-tkeċċija anke jekk l-istess operat ikun inċidentalment reat. Jekk per eżempju, ħaddiem jitkeċċa għax ikun sawwat ħaddiem ieħor fuq il-post tax-xogħol, *it-Tribunal Industrijali* jkun esklusivament kompetenti biex jiddetermina jekk it-tkeċċija saretx għal raġuni xierqa, nonostante li l-istess fatt ikun reat. Fi kliem ieħor il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali għall-iskop imsemmi ma hijiex eskluża għaliex l-operat tal-ħaddiem jinzerta li jkun jikser ukoll disposizzjoni tal-liġi li tkun ta' natura kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-artikolu 28(1) fuq imsemmi ħaddiem li jisfa mkeċċi ma jistax jadixxi ebda Qorti u l-ebda Tribunali, ħlief *it-Tribunal Industrijali biex jitlob ir-rimedju opportun jekk l-istess ħaddiem jippretendi li safa mkeċċi nġustament*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mertu tal-kawża odjerna jirrientra fil-ġurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tiddeċidi l-mertu tal-każ odjern li, kif sewwa eċċipew il-konvenuti, għandu jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni relattiva

tal-konvenuti *nomine*. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti u b'riserva ta' kull dritt ieħor ***"si et quatenus"*** spettanti lill-attur;

L-attur interpona l-preżenti appell. L-aggravju huwa li huwa *talab lill-qorti dikjarazzjonijiet awtorevoli fuq* l-art. 12 ta' l-Att XII ta' l-1957 u mhux fuq dak li hemm fl-Att XXX ta' l-1976, u għalhekk il-kompetenza għal tali dikjarazzjonijiet hija tal-qrati in ġenerali, f'dan il-każ, billi l-konvenuta hija kumpanija, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ;

L-aggravju huwa fondat. Il-Qorti hija marbuta mit-termini tat-talbiet fiċ-ċitazzjoni u dawk it-talbiet **jistgħu eventwalment** ikollhom rilevanza fi proċeduri appożiti li jinvestu l-kwistjoni ta' tkeċċija ġusta jew inġusta, imma f'din il-kawża d-dikjarazzjonijiet li l-Qorti hija mitluba li tagħmel jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' artikolu jew artikoli tal-liġijiet. U dan bla dubju ta' xejn jaqa' fil-ġurisdizzjoni ordinarja tal-qrati stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduara Ċivili;

Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li b'ebda mod ma hija qed tesprimi xi ġudizzju rigward il-mertu ta' dawk it-talbiet li hija *eżaminathom* ***biss***, u ***strettament*** *għall-iskopijiet ta' dan l-appell*, li huwa intiż biex tiġi determinata l-ġurisdizzjoni proprja li taħtha taqa' l-azzjoni attriċi;

Bir-rigward kellu għall-ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi, b'mod speċjali, dak li hemm fis-sentenza appellata rigward l-espressjoni "għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi" li ġiet intiża bħala frażi li:

"ġiet inserita fl-imsemmi artikolu 28 biex il-leġslatur jagħmilha ċara li t-Tribunal Industrijali ma kienx qiegħed jingħata ebda ġurisdizzjoni ta' natura kriminali stante li din il-ġurisdizzjonbi tispetta unikament lill-Qrati Ordinarji";

Issa dan loġikament m'huwiex possibbli. L-artikolu 28, jistabbilixxi li t-Tribunal Industrijali għandu jikkunsidra l-każijiet kollha **fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta. Proċeduri dwar reati kontra xi liġi,** qatt ma jistgħu jikkomprendu, jew, jallegaw kwistjonijiet rigward tkeċċija inġusta mix-xogħol. Se mai l-kuntrarju huwa minnu, ċjoè illi **wara** li jiġi stabbilit li ġie kommess reat, *dak it-Tribunal Industrijali jista' jeżamina jekk* dik il-kundanna tikkostitwix jew le raġuni – ġusta jew inġusta għat-tkeċċija, – u dan ifisser li kwistjonijiet antiċedenti għall-kwistjonijiet tat-tkeċċija, jistgħu jiġu stabbiliti f'organi oħra u mhux mit-Tribunal Industrijali billi dan għandu ġurisdizzjoni esklussiva "biex jikkunsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta", ċjoè fejn it-talba tkun ċirkoskritta għall-kweżit jekk it-tkeċċija mix-xogħol – hijiex ġusta jew le. Xejn minn dan ma hemm f'din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Novembru 1987, u billi dik il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tittratta u taqta' din il-kawża, tibgħat lura l-atti lil dik il-Qorti, għall-iskop;

Spejjeż ta' l-ewwel grad kif regolati imma dawk ta' dan l-appell għas-soċjetà konvenuta.